# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 243/2015**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Camilleri**

iben Joseph, imwieled Mosta, fil-25 ta' Marzu, 1949, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 285749(M)

Illum, 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(A) Talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Ottubru, 2009 u l-24 ta' Ottubru, 2009, minn gor-razzett sitwat fi Triq il-Qamar, Siggiewi proprjeta' ta' Pietro Paolo Farrugia, ikkommetta serq ta' zewg bhejjem li jammontaw ghall-valur ta' 350 Euro, ghad-detriment ta' sid il-bhejjem u cioe' l-istess Pietro Paolo Farrugia u ghalhekk liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(B) Talli fl-istess perjodu ta’ zmien, xjentement laqa’ ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa (naghag), mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(C) Talli malli sar jaf li hwejjeg (naghag) li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa jew mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimggha minn meta hekk sar jaf.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta’ Mejju, 2015 fejn il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant illiberatu minnhom, wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu ghal disa’ (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Maltija qeghdin jigu sospizi ghal tmintax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Camilleri pprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn ma sabitx hati lill-appellant ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, tirriforma l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni billi tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fil-konfront ta' l-appellant li kif indikat mill-istess Qorti, sabet lill-imputat hati tat-tieni akuza u cioe' "U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (naghag), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement. B'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom", meta l-imputazzjoni kienet qed tirreferi ghall-perjodu ta' zmien limitat biss ghad-data tat-23 ta' Ottubru, 2009 u 1-24 ta' Ottubru, 2009 u li fl-ebda istanza mill-fatti kif irrizultaw fil-proceduri ma jpoggu lill-imputat illi fil-gurnata tat-23 ta' Ottubru, 2009 u ta1-24 ta' Ottubru, 2009 huwa laqa' ghandu naghga jew naghag gejjin b'konsegwenza ta' reat (serq).

Illi anke at face value il-fatti juru b'mod car li l-uniku istanza ta' data fejn kien hemm ir-registrazzjoni 0016776 fuq naghga partikolari id-data kienet il-31 ta' Marzu 2009 li mkien ma tidher fl-imputazzjoni kif indirizzata lill-imputat u li sta ghall-prosekuzzjoni li kellha ggib il-prova li f'dik il-gurnata partikolari jew fil-perjodu ta' dak iz-zmien l-imputat xjentement laqa' ghandu naghga misruqa, fatti la jirruzltaw remotament multo magis ghall-grad rikjest fdawn il-proceduri kriminali li l-provi jridu jkunu fil-livell li ma jhallu l-ebda dubju dettat mir-raguni lill-gudikant.

Illi tant il-Qorti kienet zbaljata fl-apprazzament tal-fatti li fil-konfront tad-dati in kwistjoni u cioe' dawk tat-23 ta' Ottubru, 2009 u 1-24 ta' Ottubru, 2009 b'mod immedjat qalet li m'hernm l-ebda prova fil-konfront ta' l-imputat ghad-dati in kwistjoni.

Salv aggravji ohra li jistghu jigu tratti oralment fis-smiegh ta' dan l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ma saret ebda prova li l-annimali meritu ta' dan l-appell kienu fil-pussess tieghu.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'izzid.

Ghaldaqstant, tilqa l-appell ta' Joseph Camilleri.  Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstab hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirrevoka s-sentenza fejn l-appellant instab hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u minflok tehilsu minn kull htija u piena.